# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar il-Hamis sittax (16) ta’ Gunju 2016**

**Rikors Numru 354/15 FDP**

**Spinola Development Company Limited**
**(C 331)**

**vs**

**Luciano Bellia**
**(Passaport Taljan Y 242027)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Novembru 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lil-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef sebgha mija u tlieta us ittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€3,763.65) rapprezentanti kontiiet relatati mal-Apartament 1861, Portomaso Complex San Giljan u ghall-‘Car Park Space’ bin-numur 2241, u dan kif ahjar deskritt fl-Avviz promotur.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax legali tat-tmienja fil-mija mid-dati idnikati fil-prospett anness ma’ l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, l-Ghassa tal-Pulizija, San Giljan u fl-indirizz ta’ l-intimat Apartament 1861, Portomaso Complex San Giljan (fol 10 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal 24 ta’ Marzu 2016 (fol 11) u fil-gazzetta The Malta Independent tal-31 ta’ Mejju 2016 (fol 15)

Illi fis-seduta tat-13 ta’ Mejju, 2016, Dr Carole Zammit Montebello, bhala rappresentanta tas-socjeta attrici, ikkonfermat illi l-ammont kollughadu dovut u l-istess socjeta attrici, dakinhar stess, ipprezentat kapitolu fil-konfront tal- konvenut (fol 19).

Rat illi fis-seduta ta’ llum, il-konvenut gie imsejjah diversi drabi izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma tlett elef sebgha mija u tlieta us ittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€3,763.65) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**